**Ibq' għaddejja**

Bkejtu bil-bosta lil missierek
Għalik kien jiswa daqs dinja,
Miegħu għolew u niżlu t-tamiet
Ta' bint li hi bil-wisq ħienja.

U anki jekk it-telfa iebsa
Baqgħet tobrox wisq lil qalbek,
Forsi wasalt f'punt fejn tistaqsi
Jekk tassew jiswiex dan talbek?

Tinsa qatt li qalbek kbira hemm
Biex timlik bil-qawwa w l-fidi,
Ħalli tibqa' taqdef fix-xmara
Ta' ħajtek w tirbaħ l-isfidi.

Minn kollox issib oħt fil-ħajja
Imma taf li waħdek m'intix,
Serraħ rasek fuq spallejh hekk kbar
Li jerfgħuk, nitolbok tistħix.

Għajnejk jitkellmu tant volumi
Iħaddnuk magħhom id-dirgħajn,
Miegħek qed timxi b’arja kbira
Li tmur lil hinn fejn tolqot l-għajn.

Tistrieħ fuqek l-aqwa, l-isbaħ wirt
Li hu mħabbet 'l-ġenituri,
Għidli int dat-teżor fejn se ssib?
Tapprezzah f'waqt id-duluri.

Għalhekk tir u tir għax is-sema
Jinsab miftuħ hawn, taħt ħnejja,
Erfa' rasek, ħares quddiemek
Tbissem soda, ibq'għaddejja.

Patri Mario Attard OFM Cap
13 ta’ Jannar 2025

Ibierkek Alla li jista kollox fl-Isem tal-Missier, tal-Iben u tal-Ispirtu s-Santu. Amen.